MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-31 ta' Jannar, 2007

Numru. 56/2002

**Il-Pulizija**

**(Supt. Alexandra Mamo)**

**vs**

**Mario Azzopardi**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra Mario Azzopardi, iben John u Anna Cassar, karta tal-identita' numru 13476 (G) kif ravvizati a fol. 1 tal-process, u cioe:

Talli f'dawn il-Gzejjer, fuq il-Monti tar-Rabat, Ghawdex, fil-25 ta' Lulju 2002, ghal-habta tad-9.30 ta' filghodu:

a. xjentement ghamilt uzu ta' marki, sinjali, tabelli jew emblemi, ADIDAS; NIKE; FERRARI; WEST; BMW-

WILLIAMS u LACOSTE li jkun fihom indikazzjoni li tista' tqarraq lix-xerrej dwar ix-xorta tal-merkanzija jew bieghejt merkanzija b'din il-marka, sinjal jew emblema, jew wahhalt deskrizzjoni kummercjali falza, jew qeghdt fic-cirkolazzjoni bieghejt jew zammejt ghandek ghall-bejgh jew importajt ghal hsieb ta' kummerc, numru ta' brieret b'marka, sinjal jew emblema imxebbhin b'qerq, dan bi ksur tal-Artikolu 298 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta'Malta;

b. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, bi qliegh jew bi skop ta' kummerc, stampajt, immanifatturajt, iddupplikajt, jew mod iehor ipproducejt jew ikkoppjajt, jew bieghejt, qassamt, jew mod iehor offrejt ghal bejgh jew biex jitqassam xi artikolu jew xi haga oohra, jew hwejjeg u cioe' numru ta' brieret, bi ksur tal-jeddijiet li johorgu mid-drittijiet tal-Awtur li jkolha persuna ohra protetti bil-/jew taht il-Ligi ta' Malta u dan bi ksur tal-Artikolu 298 B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u b'hekk gejt topera minghajr licenzja ai termini tal-Avviz Legali 120/92, kif ukoll ai termini tal-Artikolu 29 tal-Kap 441 tal-Ligijiet ta' Malta;

c. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zammejt, ittraffikajt jew esponejt ghall-bejgh, armi regolari minghajr licenzja mill-Kummissarju tal-Pulizija, dan bi ksur tal-Artikolu 4 tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

d. talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, zammejt jew offrejt ghall-bejgh xi sikkina li ti fetah awtomatikament bi pressjoni ta'l-id appllikata fuq buttuna, molla jew mekkanizmu iehor fil-manku jew imwahhal mal-manku tas-sikkina, jew sikkina b'xafra li tohrog mill-manku jew mill-grant taghha bil-forza ta' gravita jew bl-applikazzjoni ta' forza entrifugali u li, meta tigi mahruga, tinghalaq fil-post permezz ta' buttuna, molla, lieva jew mekkanizmu iehor, bi ksur ta' l-Artikolu 25 (1) (a) (b) tal-Kap 66 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni ressqet lill-impuat sabiex iwiegeb ghall-akkuzi odjeri wara illi fil-25 ta' Lulju 2002, fil-kapacita' tieghu ta' bejjieh fuq il-Monti, kellu esposti ghall-bejgh diversi oggetti ta; marki rinomati li l-Pulizija deherilha li kienu foloz. Minn fuq l-"istall" tal-imputat kienu elevati 93 beritta tal-marka Nike, 17-il beritta Adidas; 24 beritta Ferrari, 13-il beritta tal-marka West, 6 ibrieret BMW Williams, 54 kappell tal-marka Lacoste kif ukoll 14-il sikkina. Fi stqarrija tieghu l-imputat ddikjara illi l-oggetti kien xtrahom minghand zewg kumpaniji Maltin kif ukoll uhud minnhom kien giebhom hu stess mill-italja. Huwa qal li ma kienx jaf li huma foloz u li kien xtrahom uhud bil-Lm1.75 u ohra bil-Lm1.15;

L-kwerelanti bhala mandatarji tas-sidien tal-marki rispettivi xehedu illi l-oggetti mhumiex originali. Dan kien konfermat ukoll mill-espert nominat mill-Qorti li kkonkluda illi dawn il-brieret u kpiepel kienu kopji foloz u li kienu kellhom diversi nuqqasijiet vizibbli sia fir-riproduzzjoni tal-emblema, fil-materjal u l-hjata. L-istess espert wasal ghall-konkluzzjoni tieghu wara li qabbel l-oggetti maqbuda mal-marki originali kif ukoll mad-diversi karatteristici tal-oggett fl-original tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi l-artikolu 299 tal-Kap 9 johloq prezunzjoni *juris tantum* kontra l-imputat li jitqies li mexa dolozomant kemm il-dabra ma jippruvax li ma kellux hsieb doluz. Inoltre l-artikolu 300 tal-istess kap jipprovdi illi l-prova li l-imputat kellu l-kunsens tas-sid sabiex jaghmel uzu minn dawn il-marki tmiss lill-imputat. L-imputat ma ghamel xejn biex jinnewtralizza din il-prezunzjoni, anzi, fl-interogatorju tieghu ddikjara l-prezz li bih xtara dawn l-oggetti, liema prezz kien wiehed baxx hafna u li bhala bejjiegh tal-hwejjeg kien jaf li mhux kollox f'postu. Hekk ukoll bhala bejjiegh tal-hwejjeg l-kwalita tal-oggett kien indikattiv tal-fatt illi dan ma kienx wiehed originali;

Illi inoltre l-oggetti konsistenti fi skieken jirrizulta illi kienu esposti ghall-bejgh mill-imputat bhala licenzjat ta’ bejjiegh fuq il-Monti tar-Rabat u dan minghjar ma kellu l-licenzja addebita mill-Kummissarju tal-Pulizija;

Illi ghalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu hlief ghat-tieni parti tat-tieni akkuza u dan stante li din hija preskritta bi trapass ta’ tlett xhur ghal dan qed tilliberah mit-tieni parti tat-tieni akkuza;

Wara li rat l-artikoli 298 (1) (c), 298B, 4 u 25(1) (a) (b) tal-Kap 66;

Wara li rat il-fedina penali tal-imputat;

Stante li minkejja l-artikolu 298 jipprovdi ghal-piena ta’ habs minn erba xur sa sena, din il-piena ma tidhirx wahda idonea ghall-kaz in dizamina tenut kont tal-fedina enali tal-imputat fejn ma jirrizulta xejn gravi.  Ghal dawn il-mottivi tghazel illi tapplika l-artikolu 21 tal-Kap 9 u tikkundanna lill-imputat ghal-hlas ta’ multa komplessiva ta’ elfejn lira maltin (LM2000).

Tordna il-konfiska u distruzzjoni tal-oggetti kollha esebiti

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------